

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistipula li d-dividendi rċevuti minn kumpannija jiġu inklużi fil-bażi taxxabbi tagħha qabel ma jitnaqqsu minnha sa 95 % mill-ammont tagħhom u li tippermetti, jekk ikun il-każ, li dan it-tnaqqis jiġi ttrasferit għas-snin taxxabbi sussegwenti, iżda li, madankollu, fkaż ta' akkwist ta' din il-kumpannija fil-kuntest ta' amalgamazzjoni, tillimita t-trasferiment ta' dan it-tnaqqis lill-kumpannija li tkun qed takkwista b'mod proporzjonali għall-parti li tirrappreżenta l-assi netti fiskali tal-kumpannija li tkun qed tigħi akkwistata fit-total tal-assi netti fiskali tal-kumpannija li tkun qed takkwista u tal-kumpannija li tkun qed tigħi akkwistata.

(¹) ĠU C 289, 19.7.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Oradea – ir-Rumania) – Curtea de Apel Alba Iulia et vs YF et

(Kawża C-301/21) (¹)

(Rinviju għal-deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Artikolu 2(1) u (2) – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-eta – Leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha bħala effett li r-remunerazzjoni rċevuta minn ġerti membri tal-ġudikatura hija oħġla minn dik ta' membri tal-ġudikatura oħrajn li għandhom l-istess grad u li jaqdu l-istess funzjonijiet – Artikolu 1 – Sugġġett – Natura eżawrjenti tad-diskriminazzjonijiet elenkti)

(2022/C 472/16)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinvju

Curtea de Apel Oradea

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Curtea de Apel Alba Iulia, Curtea de Apel Cluj, Tribunalul Bihor, Tribunalul Satu Mare, Tribunalul Sălaj

Konvenuti: YF, KP, OJ, YS, SL, DB, SH

fil-preżenza ta': Consiliul Naċional pentru Combaterea Discriminārii, Tribunalul Cluj,

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 2(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma huwiex applikabbli għal leġiżlazzjoni nazzjonali li, hekk kif interpretata minn ġurisprudenza nazzjonali vinkolanti, twassal sabiex ir-remunerazzjoni rċevuta minn ġerti membri tal-ġudikatura rreklutati wara d-dħul fis-seħħi ta' din il-leġiżlazzjoni tkun inqas minn dik ta' membri tal-ġudikatura irreklutati jew qabel id-dħul fis-seħħi tagħha, peress li minnha ma tirriżulta ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq l-eta.
- 2) Id-Direttiva 2000/78 għandha tigħi interpretata fis-sens li hija tipprekludi diskriminazzjoni biss meta din tkun ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet elenkti espliċitament fl-Artikolu 1 tagħha.

(¹) ĠU C 329, 16.08.2021